# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 62**

**Rikors numru 616/09/1 JPG**

**Grace Magrin f'isimha proprja u għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Tereza Piscopo, Carmen Falzon u John Buhagiar; Joseph Buhagiar, Antonia Mizzi, Victoria Camilleri u Maria Farrugia**

**v.**

**Rita Sammut**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2016, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-imħarrka u ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2004 fil-kawza "***Cristiano vs Portelli***", il-Qorti (PA/GV) tat esposizzjoni tal-principji li ghandhom japplikaw fil-kazi ta' impunjazzjoni ta' atti minhabba nkapacità mentali:*
>
> > *1. Illi l-kapacità hija r-regola u l-inkapacità hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacità, liema presunzjoni hija `juris tantum`;*
> >
> > *2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta' l-att ma jkunux f`sensihom, u illi l-inkapacità ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att;*
> >
> > *3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jaghmel;*
> >
> > *4. Illi biex tigi stabbilita l-insanità mentali ta' persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;*
> >
> > *5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanità mentali jekk din l-inkapacità ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol XXXIV.108 –* ***Appell Civili - "Vassallo vs Dr V Sammut" - 24 ta` April 1950 ; u Vol XXX.I.176 – Appell Civili - "Formosa vs Axiak" - 20 ta` Gunju 1938)."***
> >
> > *Kwantu ghall-oneru tal-prova, r-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f`sensihom, ghandha tigi pprovata u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacità. Min jimpunja testament ghal vizzju tal-menti tat-testatur, mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova ghandha tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.* ***(Mifsud vs Giordano et 8 ta' Mejju 1952).***
> >
> > *Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Marzu 1933 fil-kawza`Cassar vs Cassar` din il-Qorti qalet hekk:;*
> >
> > > *"Questi tribunali sono stati sempre renitenti a pronunciare la nullità di un testamento per incapacità mentale del testatore, a meno che tale incapacità non consti positivamente, da fatti precisi ed univoci, e non si verifichi al momento in cui egli dettava le sue ultime volontà.*

*"Il miglior criterio sulla sanità mentale del testatore è la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni, riconosciute poi ragionevoli e sa vie".*

*Fir-ricerka dwar l-istat mentali tat-testatur, il-kriterji li jistghu jigu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji, hemm il-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-ezami ta' dawn id-disposizzjonijiet fit-tnissil konvincenti aktar sod tant mill-fatt ta' l-ezami ta' l-`ahhar volontà per sè, li jista' joffri bhala ndizju l-istat mentali tat-testatur, kif ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, specjalment jekk dawk il-motivi jkunu gew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkazjoni meta jkun qieghed jigi kontemplat dak l-att solenni, u fl-ahharnett mill-kondizzjonijiet mentali u fizici tat-testatur fil-mument meta jkun ghamel it-testment impunjat.*

*Illi f'dana l-kaz d-decujus Annuziata Buhagiar ghamlet hames testmenti f'hajjitha, ossija wiehed datat 25 t'Ottubru, 1995 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef [Dok.D];iehor datat 7 ta' Dicembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef [Dok.E];iehor datat 26 ta' Awwissu, 2003 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin [Dok. F];iehor datat 7 t'April, 2004 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef [Dok. G) u l-ahhar wiehed datat 17 t'Ottubru, 2005 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef [Dok.H].*

*Fl-ewwel testament tal-25 ta' Ottubru 1995 id-decujus kienet halliet LM1,000 lil Antonia Mizzi ghal servigi lilha maghmula matul l-ahhar zmien ta' hajjitha u istitwiet lil uliedha kollha bhala werrieta taghha.*

*Bit-testment addizzjonali tas-7 ta' Dicembru 1998 halliet il-legittima biss lil uliedha Lorry Buhagiar u Cettina Pisani. Ma' dana t-testment gie ezibit certifikat mediku ta' Dr. Christopher Zarb li ccertifika li hija kienet physically and medically fit to perform a will.*

*B'testment iehor addizzjonali datat 26 ta' Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin id-decujus kienet irrevokat il-prelegat li kienet halliet lil Antonia Mizzi u minflok halliet lil Maria Farrugia u lil Rita Sammut prelegat tal-flus li kellha depozitati mal-HSBC bank f'isimha. Ma' dana it-testment gie prezentat certifikat ta' Dr. Peter Muscat datat 25.8.2003.*

*Fit-testment addizzjonali tas-7 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef id-decujus halliet nofs is-sehem taghha (1/2) mill-intier tal-fond 285, Eva House, Triq Haz-Zabbar, Fgura bil-kontenut taghha kollu, u dana bhala kumpens ghal dak li ghamlu maghha tul l-ahhar snin ta' hajjitha, lil Maria Farrugia u Rita Sammut. Ma' dana t-testment rega' gie pprezentat l-istess certifikat ta' Dr.P.Muscat dina d-darba pero' minghajr l-ahhar linja li qabel kienet ticcertifika li "she is fit to exercise her civil duties and also possesses testamentary capacity".*

*Fl-ahhar testament taghha datat 17 t'Ottubru, 2005 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef id-decujus irrevokat it-tieni artikolu tat-testment taghha tas-7 ta' April 2004 u minflok halliet in-nofs taghha tad-dar hemm imsemmija lir-Rita Sammut biss. Anke dina d-darba rega' gie prezentat ic-certifikat mediku ta' Dr.P.Muscat.*

*Illi l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li meta Annunziata Buhagiar ghamlet it-testmenti tal-2003,2004 u 2005 hija ma kienetx in pieno possesso tal-fakultajiet mentali kollha taghha b'mod li setghet taghmel testament u ghalhekk dawk it-testmenti huma ghal kollox nulli u minghajr ebda effett fil-ligi. Huma jsostnu li wara l-incident tal-2003 meta ommhom korriet u inbidlet drastikament, il-konvenuta hadet vantagg tas-sitwazzjoni u hadet lill-ommha toqghod ghandha bi skop u kien facili ghaliha li tiehu l-ommha ghand in-Nutar biex taghmel testmenti li jiffavuruha.*

*Il-konvenuta kkontestat it-talba attrici u sostniet li Annunziata Buhagiar ma kienet affetwata mill-ebda impediment legali fil-mument illi gew redatti t-testmenti in kwistjoni. It-testmenti li hija ghamlet huma validi u gew certifikati minn psikjatra specjalista.*

*Fir-rigward tat-testment tas-26 ta' Awissu 2003 l-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-fatt li skond certifikat mediku mahrug fil-18 ta' Lulju 2003 [Dok CZ1] minn Dr.Christopher Zarb, li kien it-tabib tal-familja u li kien ilu zmien jinvista lil Annuzjata Buhagiar, dan iccertifika li Annunzjata Buhagiar kienet fl-ghola grad mediku ta' senile dementia u ma kinitx kapaci taghmel testament.*

*Minn naha l-ohra l-konvenuta qed tistrieh fuq ic-certifikat mediku li hareg il-psikjatra specjalist Dr.Peter Muscat datat 25 ta' Awissu 2003 li ccertfika li Annuzjata Buhagiar kienet kapaci tezercita d-drittijiet civili taghha u ghalhekk kienet kapaci taghmel testament. Meta ezaminaha hu sab li hija kellha ftit memory disturbance compatible with her age imma mhux dementia.*

*B'referenza ghac-certifikat li hareg Dr. C. Zarb [Dok CZ1] Dr.Muscat iccara li Dr.Zarb mhux psikjatra imma general practitioner. Hu kien ghamel a 'mini-mental state' examination ghal dementia u irrizultalu li Buhagiar ma kellhiex 'severe dementia' izda' `a mild form of forgetfulness compatabile with her age'. Dan ma jfissirx li hija ma setghetx tfendi ghal rasha minhabba infermità. Din tista' tigi klassifikata bhala bidu ta' dementia izda zgur mhux 'severe dementia'. Buhagiar kienet bdiet tinsa' imma mhux thawwad. It-test l-iscore massimu fl-ezami li ghamlilha huwa ta' 30, fejn score ta' 20 jaghti indikazzjoni ta' dementia. F'dan il-kaz Buhagiar gabet score ta' 25. (Ara Dok PM1). Meta ghamel it-test Buhagiar kienet lucidissima. Ighid li persuna li tbati bid-dementia jista' jkollha mumenti lucidi. Kompla li s-sintomi ta' mard fiziku prezenti f'dik l-età tista' teffettwa l-istat mentali u tista' taghti l-impressjoni li ghandha d-dementia meta ma tkunx qed issofri minnhu.*

***Konfrontat bix-xhieda ta' Dr.P.Muscat, Dr.Christopher Zarb wiegeb li l-mild form of forgetfulness li semma Dr.P.Muscat, ghalih hija `a mild form of dementia` li pero hija haga differenti minn dak li ccertifika fid-dokument CZ1.*** *Ma cahadx li jista' jkun li d-dokument CZ1 inhareg sabiex jintuza biex Annunzjata Buhagiar tidhol f'xi home. Hu risaput li certifikati simili jsiru u wiehed jesagera s-sitwazzjoni biex pazjent ikollu aktar possibilità li jigi rikoverat f'home minhabba xi bzonn urgent li jigi certifikat.*

*Illi huwa accettat gurisprudenzjalment illi min jimpunja testament ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova ghandha tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.*

*Fl-ipotezi tal-vizzju tal-menti abitwali, it-testment maghmul mill-persuna hekk kolpita ghandu jigi prezunt li huwa invalidu, jekk min isostni l-validità tieghu ma jippruvax li dak it-testment sar f`mument ta' lucidu interval. Imma ghall-validità ta' testment, huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x'ikun qed isir, u li fil-fatt ikun sar, b'mod li mhux imprexxinidibbilment mehtieg li l-volontà intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana." (ara PA JZM Busutill vs Cortis 2 ta' Marzu 2013.*

*Illi fil-fehma tal-Perit Legali, apparti c-certifikat ta' Dr. P. Muscat, hemm fatturi ohra li jikkonfortaw it-tezi tal-konvenuta li meta gie redatt it-testment tat-2003 ommhom kienet kompos mentis u setghet taghmel dak it-testment.*

*Jirrizulta li f'dak il-perjodu cioè f'April 2003 ommhom kienet tat id-deheb kollu tal-familja lil ohthom Antonia, billi dak iz-zmien kienet tiehu hsiebha,* ***u hadd minn hutha ma kkontesta dik id-decizjoni ghar-raguni li hija ma kinitx taf x'qed taghmel kif kien qed isostni Dr. C. Zarb.***

*Inoltre ommhom tant kienet* ***taf x'qed taghmel li hija qatghet mill-wirt tnjen minn uliedha u hallitilhom biss il-legittima ghax kienu dahhluha l-Qorti fuq xi bicca art****.*

*Dr. R. Aquilina xehdet li hu kien ippatrocina lil Annunzjata Buhagiar f'kawza il-Qorti fejn hija kienet ghamlet affidavit* ***u kien sarilha kontro-ezami minn Dr. L. Cassar Pullicino fid-dettal u hija wiegbet kif suppost u l-Qorti taghtha ragun****. Anke waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell hija kienet tifhmu u tirrispondi ghal dak li jistaqsiha.*

*Illi f'dan it-testment sar meta Maria Farrugia u Rita Sammut kienu qed izommuha ghandhom u jiehdu hsiebha u skond il-konvenuta, ommhom kienet dejjem issemmi li se tahseb fihom. Ommhom fil-fatt halliet il-flus li kellha l-bank lil dawn iz-zewg uliedha u bhala eredi taghha halliet lill-uliedha kollha. Fil-fehma tal-Perit Legali ma kien hemm xejn irragjonevoli fid-disposizzjoni li ghamlet Annuzjata Buhagiar f'dan it-testment.*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Perit Legali it-testment tat-2003 sar validament billi Annuzjata Buhagiar kienet kapaci taghmel testament u ma giex pruvat mod iehor.*

*Il-Perit Legali pero' sostna li mhux l-istess jista' jinghad dwat it-testmenti tal-2004 u 2005. Jirrizulta mill-provi li f'dawn it-testment gie ezibit l-istess certifikat mediku ta' Dr. P. Muscat datat 25 ta' Awissu 2003 meta dawn it-**testment saru fil-7 ta' April 2004 (tmien xhur wara) u 17 ta' Ottubru 2005 (sentejn u xaghrejn wara).***

*Illi Dr. P. Muscat xehed li c-certifikat li huwa johrog jirrelata ghal dik il-gurnata illi jinhareg. Qal li persuna li tbati minn dementia jew bidu ta' dementia anke fi zmien xahar jew anke l-ghada stess tista' tiddeterjora ghalkemm id-dementia ma tigiex mill-lum ghal ghada. Hu ma jeskludiex li fi zmien sena dina tizviluppa jew taggrava. Hu sahaq li f'dan il-kaz ma kienx awtorizza li dana c-certifikat jintuza ghat-testment ta' April 2004 (u lanqas tal-2005) u zgur li ma kienx jaghti tali awtorizzazzjoni tieghu minghajr ma jerga' jevalwa l-pazjenta. Fil-fatt jirrizulta li kien hareg certifikat iehor Dok PM2 izda f'dan id-dokument, li huwa ezibit mat-testment tas-7 t'April 2004, l-ahhar linja hija nieqsa u din il-linja kienet tghid li Annuzjata Buhagiar "she is fit to exercise her civil duties and also possesses testamentary capacity".*

*Jidher mill-provi akkwiziti li d-dementia ta' Annuzjata Buhagiar kienet bdiet lejn il-1999 u zviluppat fil-2003 u kompliet hzienet biex fil-2008 laqghet il-quccata kif iccertifikaw mill-isptar Zammit Clapp fit-2008. [ara dokumenti Dok RS1 3/9/2008 – Admitted at Zammit Clapp Hospital with dementia;Dok RS2 - 9/2008 pazjenta tbati minn advanced dimentia, carer cannot cope;Dok RS 5 26/11/2004 Patient suffers from dementia].*

*Dwar l-istat ta' sahha ta' Annuzjata Buhagiar in-Nutar B. Micallef ma tantx kien ta' ghajnuna. Hu ma ftakarhiex lil Annunzjata Buhagiar bhala persuna u lanqas l-istat ta' sahhitha. Jaf li hija kienet imdahhla fiz-zmien u giet ma' xi wahda minn uliedha izda x'gara f'dak il-kaz ma jiftakarx. Hu xehed in generali dwar il-metodu li juza meta persuna tigi ghandu biex taghmel testament izda fl-ispecifiku ma ftakar xejn.*

*Illi fil-fehma tal-Perit Legali ghalhekk filwaqt li t-testment tal-2003 sar l-ghada li nhareg ic-certifikat minn Dr. Peter Muscat, dawk tal-2004 u 2005 saru xhur u snin wara. Ic-certifikat li gie prezentat ma' dawn iz-zewg testmenti tal-ahhar, m'ghandu l-ebda sahha billi kif xehed Dr. Muscat stess hu ma kienx ser jaghti awtorizzazzjoni minghajr ma jerga' jevalwa l-pazjenta u ma kienx qal li l-pazjenta setghet taghmel it-testmenti fit-2004 u 2005.*

*Illi l-Perit Legali ghalhekk ikkonkluda li ghalkemm Annunzjata Buhagiar setghet tigi kkunsidrata bhala kapaci mentalment biex taghmel it-testment tal-2003, ic-certifikati annessi mat-testmenti tal-2004 u 2005 mhumiex validi ghal dana l-iskop. Ma hemmx prova dwar*

*l-istat mentali ta' Annuzjata Buhagiar fir-rigward ta' dawn l-ahhar zewg testmenti u n-Nutar li irredighom ma kienx t'ghajnuna biex jixhed dwar l-istat ta' sahha tad-decujus hlief li accetta dak ic-certifikat avvolja kien datat Awissu 2003 u kien jaf li Buhagiar kienet mara avvanzata sew fl-eta.*

*Il-Perit Legali Ghalhekk kien tal-fehma li:*

> *"Il-Qorti ghalhekk ghandha tilqa t-talbiet attrici limitatament ghat-testmenti tal-2004 u 2005, waqt li l-ispejjez jinqasmu kwantu ghal terz ghall-atturi u zewg terzi ghal-konvenuta."*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qieghdin jittentaw jiksbu l-impunjazzjoni tat-testmenti maghmula minn omm il-partijiet f'Awissu tas-sena 2003, April tas-sena 2004 u Ottubru tas-sena 2005, liema testmenti jemendew it-testment li kien gia sar minnha fil-1995, a bazi tal-fatt illi ommhom kienet tbati minn dementia severa u ghalhekk ma kelliex il-kapacità mentali rikjesti sabiex tiddisponi mill-beni taghha.*

***Jirrizulta, u mhux kontestat illi sas-sena 2003 it-testatrici kienet ghada toqghod wahedha matul il-gurnata, u kienet tmur torqod ghand bintha r-rikorrenti Antonia Mizzi matul il-lejl, u dan l-arrangament kien ilu ghaddej ghal snin shah**. Gara pero illi f'Lulju tas-sena 2003 hija waqghet, u l-partijiet bdew jiddiskutu l-possibilità illi tigi rikoverta go dar tal-anzjani, izda finalment gie deciza illi tibda tmur toqoghd gimgha ma' bintha r-rikorrenti Maria Farrugia u gimgha mal-intimata Rita Sammut, u eventwalment baqghet tiehu hsiebha l-intimata Rita Sammut biss.*

*Ikkonsidrat;*

*Skont l-Artikolu 597 (d) tal-Kodici Civili, m'humiex kapaci jiddisponu b'testment*

> *"dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment;"*

*Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Micallef et vs Madalena Galea et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' April 2013:*

> *"[n]aturalment il-kapacità testamentarja hija r-regola, l-inkapacità tkun l-eccezzjoni u din hija prezunzjoni li ghandha tissussisti sakemm il-persuna li tipprova timpunja testment ma ggibx provi sodisfacenti kuntrarji. Infatti l-fatt li t-testatur ikun qed ibati minn xi dizordni mentali mhix sufficjenti biex twaqqa' testment ghax hemm ukoll li hafna dizordnijat mentali jkollhom mumenti jew perjodi ta' lucidità. Hu necessarju li kull kaz jigi ezaminat fuq il-fattispecji partikolari. Naturalment kull Nutar li jippubblika testment ikun wasal ghall-*

> *konkluzjoni li t-testatur probabbilment ghandu mohh san. Biex testment jigi impjunjat irid jigi ppruvat."*

*Ghalhekk, huwa principju konstantament abbracjat fil-gurisprudenza Maltija illi:*

> *"...per distruggere la prezunzione della valididtà del testamento è quindi per farsi luogo alla gravissima conseguenza della nullità del testamento, la prova che il testatore non si trovasse in condizioni di sanità di mente allorchè dispose dei suoi beni, dev'essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell'atto che compiva ne volontà propria." (**Gauci vs Mercieca**, Vol VVV P. I, 246.)*

*Rigward il-kapacità mentali li ghandu jkollu t-testatur fi zmien meta jaghmel it-testment tieghu, gie rrilevat illi:*

> *"[a]tteso che, secondo la legge, per determinare se la debolezza di mente sia a tale grado da doversi annullari gli atti della vita civile, in essa compiuti, devesi distinguere tra la varia indola e importanza degli atti medesimi; per il testamento non è richiesta una mente perfettamente rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa, e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori per dedurne la capacità od incapacità di testare si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie.*
>
> *(…)*
>
> *Il miglior criterio per stabilire la sanità della mente del testatore, sono al certo la ragionevolezza delle sue disposizione, specialmente quando queste sono accompagnate dalla espressione delle ragioni date dal testatore nell'atto della fazione del testamento al funzionario incaricato della sua redazione, le quali si riconoscessero ragionevoli e savie" (Grech vs Dimech Vol XIV, 180.)*

*Fuq l-istess linja ta' hsieb inghad illi:*

> *"[i]r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonjiet kontenuti fit-testment hija kriterju li ghandu jwassal lill-Gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk filwaqt li kien qieghed jaghmel it-testment it-testatur kellux koxxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volontà li jiddetta dawk id-dispozizzjonijiet li hemm fit-testment." (**Vassallo vs Sammut**, Vol XXXIV P.1, 108.)*

*Huwa risaput ukoll illi l-prova tal-inkapacità tat-testatur fil-waqt li sar it-testment tinkombi fuq min ikun qieghed jimpunja t-testment. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Appell irrilevat fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Carmen Josephine Cassar vs Louis Naudi et** deciza fis-6 ta' Ottubru 2010 illi:*

> *"kif jinsab affermat sa minn zmien antik, "l'uomo nello stato suo normale si presume ragionevole e sano di mente, fino a concludente*

> *prova in contrario. La prova contraria incombe all'opponente lo stato di sanità". Ara "Paolo Schembri et -vs- Maria Galea et", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Ottubru, 1883 per Imhallef Giuseppe Gasan.*
> *(…)*
> *"i nostri tribunali, basandosi sulla dottrina u la giurisprudenza in materia, sono stati sempre renitenti a pronunziare la nullità di un testamento per insanità mentale del testatore, ammenocche tale incapacità consti positivamente da fatti precisi e univoci e non si verifichi al momento in cui egli dettasse la sua ultima volontà". Ara "Francesco Danastas -vs- Salvatore Danastas", Appell Civili, 28 ta' Mejju, 1926;..."*

*Fis-sentenza* ***John Agius vs Carmel Agius*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Lulju 2004 intqal illi:*

> *"[h]uwa prinċipju aċċettat li, kemm fil-każ ta' persuna li ma kenitx kapaci tagħmel testment, u kif ukoll fil-każ fejn jiġi allegat li persuna kienet imġiegħla tagħmel testment, il-piż tal-prova jaqa' fuq min irid iġib it-tħassir tat-testment."*

*Barra minn hekk, fir-rigward ta' kif ghandha tigi provata l-inkapacità tat-testatur, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmelina Busuttil vs Helen Portelli et*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Ottubru 2013 gie rrilevat illi:*

> *"[s]abiex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi, u mhux biss sempliċi konġetturi u possibiltajiet. Il-fatti u l-argumenti jridu jkunu preċiżi u konkludenti la darba jirrigwardjaw persuna mejta li fuqha ma jkunux jistgħu jsiru l-aċċertamenti mediċi u legali meħtieġa."*

*Barra minn hekk gie ritenut konstatament illi l-prova rikjesta ghandha tkun cara, univoka u konklussiva u kull dubju ghandu jmur favur il-validità tat-testment. (****Anton Ellul et vs Maria Busuttil et****, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 14 ta' Jannar 2013;* ***AIC Joseph Farrugia vs Angela Farrugia et****, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 8 ta' Lulju 2013.)*

*Ikkonsidrat;*

*In sostenn tal-premessi taghhom, apparti x-xhieda taghhom stess ir-rikorrenti producew lit-tabib Dr. Christopher Zarb, li kien it-tabib kuranti tad-defunta ommhom ghal xi snin, sabiex jixhed dwar l-istat mentali. Huwa xehed illi Annunziata Buhagiar kienet tbati minn dementia kemm xejn sostanzjali.*

*Biex tiribatti din il-prova, l-intimata produciet lil Psikjatra Dr. Peter Muscat li kien ra lil Annunziata qabel ma sar it-testment tal-2003 u issottoponiha ghal ezami kliniku intiz specifikatament sabiex jigi evalwat jekk persuna hijiex qed tbati minn dementia. Skont dan it-test, Annunziata ma kienetx qed tbati minn dementia, izda kellha biss 'forgetfulness compatible with her age."*

*Din il-Qorti ftit li xejn issib konfort fix-xhieda tat-tabib Dr. Zarb illi in kontro-ezami xehed illi ghalih 'forgetfulness compatible with her age' u "dementia" huma l-istess haga. Huwa car illi hemm differenza kbira bejn li tkun tinsa certu affarijiet fi grad normali ghall-età li jkollok, u li jkollok dementia li taffetwa l-kapacità tieghek li tiddisponi minn gidek permezz ta' testment. Mix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Muscat jidher illi Annunziata giet sottoposta ghal test specjalizzat li kif xehed l-istess Psikjatra huwa kapaci li jiddetermina jekk persuna tbatix jew le minn dementia anke jekk meta tkun qed taghmel it-test tkun ghaddejja minn interval lucidu. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi ix-xhieda tal-Psikjatra hija aktar affidabbli u konvincenti fir-rigward tal-istat mentali tat-testatrici meta ghamlet it-testment taghha tas-sena 2003.*

*Ghalhekk fir-rigward tat-testment tal-2003, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi dan it-testment huwa validu u t-talbiet tar-rikorrenti b'referenza ghalih ghandhom jigu michuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Fir-rigward tal-emendi li saru fl-2004 u fl-2005, il-Perit Legali ikkonkluda illi dawn ghandhom jigu dikjarati invalida minhabba l-inkapacità mentali tat-testatrici li tiddisponi minn hwejjigha permezz ta' testment.*

*Il-Qorti taghraf illi meta saru dawn l-emedi ma kienx hemm certifikat ta' tabib fir-rigward tal-istat mentali tat-testatrici u dan ghaliex ic-certifikat anness kien dak mahrug mill-Psikjatra Dr. Peter Muscat fis-sena 2003, li kien iddeponda illi huwa qatt ma kien ta permess illi jerga' jintuza l-istess certifikat minghajr ma jara lit-testatrici. Izda l-Qorti taghraf ukoll illi, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Axiak pro et noe vs Lawrence Axiak et****, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Gurisidizzjoni Superjuri) (Ghawdex) fit-22 ta' Gunju 2012*

> *"....ċertifikat mediku jista' jsaħħaħ il-prova favur il-kapaċità mentali tat-testatur, imma n-nuqqas tiegħu ma jfissirx li ma kienx hemm din il-kapaċità."*

*Fuq l-istess linja ta' hsieb fis-sentenza fl-ismijiet* ***Victoria Xuereb vs Joseph Refalo et*** *deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Gurisidizzjoni Superjuri) (Ghawdex) fit-23 ta' Ottubru 2007 u kkonferma mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2010, intqal illi*

> *"...ma tista' tinġibed ebda konklużjoni mill-fatt illi t-testment...ma kienx akkumpanjat minn ċertifikat mediku..."*

*A bazi ta' dan il-principju, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Helen Mamo et vs Mary sive May Pecorella*** *deciza fit-12 ta' April 2012. din il-Qorti diversament presjeduta sabet illi:*

> *"[h]u veru li mat-testmenti ma ġewx annessi ċertifikati mediċi li jiċċertifikaw li l-istat mentali tat-testatur kien jippermettilu li jagħmel*

> *testment. Pero b'daqshekk ma jfisser xejn għalkemm forsi kien ikun iktar għaqli li Grech jigi eżaminat minn tabib qabel għamel it-testment."*

*Ghalhekk il-fatt illi l-kapacità tat-testatrici ma kienetx iccertifikata minn tabib mediku ma jfissirx necessarjament u awtomatikament illi t-testmenti in kwistjoni huma invalidi, izda jehtieg illi l-provi prodotti jigu ezaminati bir-reqqa, ghaliex a bazi tal-principji enuncjati iktar il-fuq, ir-rikorrent kellhom iressqu prova cara, konklusiva u univoka illi t-testatrici ma kienitx kapaci tiddisponi b'testment.*

*Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-*

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilità u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilità tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti." (***Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.)*

*Inghad ukoll illi "fi kwistjoni ta' kredibilità u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja." (**Joseph Borg vs Joseph Bartolo, Qorti tal-Appell Civili** (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.)*

*F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-*

> *1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> *2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur. (**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004).*
>
> *Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,*

*ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.*

*Il-Qorti tqis illi huma ta' importanza sostanzjali ix-xhieda u provi indipedendenti illi jitfghu dawl fuq l-istat mentali tat-testatrici fiz-zmien meta saru t-testmenti, ghaliex jistghu jaghtu korroborazzjoni ghat-tezi ta' xi wahda mill-partijiet illi l-Qorti tkun tista' tistrieh fuqha.*

*L-Avukat Dr. Ronald Aquilina xehed illi huwa kien l-avukat tat-testatrici f'kawza li kien spiccat circa lejn is-sena 2005 jew 2006. Fir-rigward tat-testatrici, xehed illi ghalkemm hija kienet tbati biex tisma' u kienet tkun dejjem akkompanjata mit-tfal taghha,* ***l-istruzzjonijiet waqt il-prim'istanza kien johodhom minn ghandha, u anke fi zmien l-appell, kemm meta saret ir-risposta u anke waqt it-trattazzjoni "...kienet tifhimni u tirrispondini ghal dak li nsaqsi..."***

*Apparti dawn kollha jidher illi f'dawn il-proceduri it-testattrici giet sottomessa ghall-kontro-ezami pjuttost dettaljat ezegwit mill-Avukat. Cassar Pullicino. Huwa risaput li sabiex anzjana tezegwixxi kontro-ezami, trid tkun tipposedji fakoltajiet mentali pjuttost raffinati.*

*In sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom ir-rikorrenti ressqu bhala xhud lil Rose Busuttil, li kienet toqghod fl-istess triq tat-testatrici. Din xehdet illi t-testatrici kienet tbati minn dementia u din il-konkluzjoni waslet ghaliha ghaliex meta kienet tmur fuqha kienet tidhol gewwa u taghlaq il-bieb. Il-Qorti ssibha difficli tqis din it-testimonjanza bhala prova cara, konklusiva u univoka, fid-dawl tal-fatt illi t-testatrici kellha l-kataretti u ghalhekk ma tantx kienet tara, u kif xehed l-avukat Ronald Aquilina ma tantx kienet tisma' u ghalhekk huwa wisq probabli illi l-imgieba tat-testatrici kienet ikkawzata minn dawn il-kondizzjonijiet fizici, u mhux minhabba xi impediment mentali.*

*Barra minn hekk, il-Qorti rat ukoll id-dokumenti tal-file mediku tat-testatrici li juri li fis-26 ta' Novembru 2004 u fil-31 ta' Marzu 2006,* ***hija kienet tat il-kunsens taghha biex isir intervent kirurgiku f'ghajnejha****. Dan ifisser illi* ***t-tobba li ezaminaw lit-testatrici sabu illi hija kellha l-kapacità li taghti l-kunsens taghha****, u ghalhekk necessarjament li tifhem sa certu grad ir-riski involuti f'tali intervent. Il-Qorti tqis illi din hija prova krucjali f'dan il-kawza li timmini serjament it-tezi tar-rikorrenti li t-testatrici kienet tbati minn dementia tant severa illi ma baqghetx iktar kapaci tiddisponi mill-gid taghha.*

*Inoltre, kif inhu risaput, ir-ragonevolezza tad-disposizzjonijiet testamentarji hija kriterju iehor li ghandu jittiehed in konisderazzjoni mil-gudikant fid-decizjoni rigward il-kapacità mentali tat-testatur. Inghad per ezempju illi:*

> *"[i]r-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment hija waħda mill-kriterji li għandhom iwasslu lill-ġudikant biex jiddeċied idwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċiedi jekk fil-waqt li kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment." (Joseph Axiaq pro et noe vs Lawrence Axiaq et, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 22 ta' Gunju 2012; Rosalinda Portelli vs Carmen Portelli, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) deciza 25 ta' Ottubru 2013; Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Ottubru 2004; George Cini vs Francesca Saveria Cini, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Frar 2014.)*

*Fuq l-istess linja ta' hsieb fis-sentenza fl-ismijiet* ***Lewis Spiteri vs Angela Aquilina****, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Gunju 2006 gie rrilevat illi:*

> *"[g]ħalkemm saru diversi testmenti, dawn ma jikkontjenux dispożizzjonijiet irraġonevoli, imma huma riflessjoni ta' personalità metikoluża u preċiża kif jidher li kellu t-testatur."*

*Inoltre, gie konsiderat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmen Micallef vs Madalena Galea*** *datata 10 ta' April 2013 illi:*

> *"[a]nqas hu neċessarju li jiġi pruvat li kien hemm giusta kawża fid-dispożizzjonijiet, basta tali dispożizzjonijiet huma razzjonali. Infatti f'Pirotta vs Carbonaro: Vol. XXII, Pt. 1, P.88 inghad: "Uno dei criteri della sanità mentale del testatore è la ragionevolezza delle sue disposizioni e nella disposizione testamentarie non è necessaria la prova di una giusta causa.""*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***John Pace vs Carmela Chircop*** *deciza fl-4 ta' Gunju 1964 intqal ukoll illi:*

> *"[i]d-diperiment fisiku u x-xjuhija wahidhom ma jwaqqghux il-possess normali ta' "a sound disposing mind" li trid il-ligi. Jistghu biss, flimkien ma' cirkostanzi ohra, jkollhom influenza fuq il-"libertas testandi" rikjesta barra mill-kapacità intellettwali. L-esperjenza tal-hajja turi li l-percezzjonijiet mentali jibqghu ta' spiss jixghalu fil-bniedem anki fl-ahhar sighat ta' hajtu ghalkemm ir-resistenza tieghu ghac-cirkonvenzjonijiet ta' hadd iehor tista' tigi ferm imnaqqsa."*

*Fil-kaz de quo, huwa minnu illi t-testatrici ghamlet diversi emedi successivi fit-testment taghha. Pero, wara li qrat dawn it-testmenti, il-Qorti ma tqis illi d-disposizzjonijiet testamentari huma irragonevoli, u zgur li ma jezistux xi indizji ohra li joholqu suspett dwar ir-ragonevolezza taghha. Filfatt, minn studju tad-disposizzjonijiet testmentati jidher* ***illi t-testatrici kienet isegwi certu pattern, fejn kienet thalli legat lil min kien qed jiehu hsiebha dak iz-zmien, u b'mod car dan kien isir b'turija ta' apprezzament versu l-persuna li kienet qed tiehu hsiebha****. M'hemm xejn irragonevoli fil-fatt illi testatur ihalli legat lil min ikun qed jiehu hsiebu, anzi tista' tghid illi din*

*hija prassi kemm xejn komuni, u anke jekk ma kienx gust illi t-testatrici tirrevoka l-legati precedenti li kienu saru favur l-ulied l-ohra li kienu hadu hsiebha fil-passat, dan ma jfissirx necessarjament illi hija ma kelliex il-kapacita mentali rikjesta sabiex taghmel testment.*

*"Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti naqsu milli jressqu prova cara, konklusiva u univoka illi t-testmenti li saru minn Annunziata Buhagiar fl-2004 u 2005 huma nvalidi minhabba nuqqas ta' kapacità tat-testatrici."*

3. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin bħala "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'rikors imressaq minnhom fil-15 ta' Novembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbu lill-Qorti sabiex: *"[t]irrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar is-27 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet il-fuq premessi b'dan illi minflok tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom"*;

4. L-imħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellata") laqgħet għal dan billi permezz ta' risposta mressqa minnha fis-26 ta' Diċembru, 2016, fissret għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u b'hekk l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. B'din l-azzjoni l-appellanti, li huma aħwa, qegħdin jattakkaw is-siwi tal-aħħar tliet testmenti li saru minn ommhom Annunziata Buhagiar, u dan fuq ix-xilja li, fiż-żmien li fih saru, hija kienet nieqsa mir-rieda u/jew mill-fakultajiet mentali meħtieġa biex tifhem u tapprezza dak li tassew kienet qiegħda tagħmel;

7. Min-naħa l-oħra, l-appellata, li tiġi oħt l-appellanti, qed tirribatti li ommhom kienet mogħnija b'dawk il-kapaċitajiet mentali li huma meħtieġa skont il-liġi biex tagħmel dawk it-testmenti li wasslu għal din it-tilwima, u b'hekk ma kien hemm xejn x'seta' jżomm lil ommhom milli tagħmel dawk it-testmenti li qed jiġu attakkati b'din il-kawża;

8. Wara li l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi dehrilha li l-appellanti naqsu milli jressqu "prova ċara, konklussiva u univoka" li t-testatriċi Annunziata Buhagiar kienet nieqsa mill-kapaċità mentali sabiex tagħmel it-testmenti li qed jiġu attakkati b'din il-kawża, l-appellanti qegħdin issa jressqu appell minn dik is-sentenza u dan fuq l-aggravju ewlieni li l-Ewwel Qorti naqset milli twettaq apprezzament xieraq tal-provi;

9. Filwaqt li jagħmluha ċara li mhumiex qed jikkontestaw il-prinċipji legali li ġew imsemmija mill-Ewwel Qorti, anzi jistqarru li huma stess

iħaddnu l-istess fehmiet[1], l-appellanti jfissru li qed iħossuhom sewwasew aggravati bil-mod ta' kif l-Ewwel Qorti applikat dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ. F'dan rigward, l-appellanti jissottometu li mill-ġabra sħiħa tal-provi li hemm fl-atti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għajr għall-konklużjoni, li fiż-żmien li fih saru t-testmenti li qed jiġu attakkati b'din il-kawża, ommhom ma kinitx mogħnija bil-kapaċitajiet mentali li huma meħtieġa għas-siwi ta' dawk it-testmenti;

10. B'mod partikolari, l-appellanti qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li x-xhieda tal-psikjatra Peter Muscat kienet aktar fejjieda u ta' min joqgħod fuqha minn dik tat-tabib Christopher Zarb. Skont l-appellanti, l-fehmiet professjonali u ċ-ċertifikat[2] tat-tabib Zarb huma aktar ta' min joqgħod fuqhom minn dawk tal-psikjatra Muscat. Jispjegaw li t-tabib Christopher Zarb kien għal snin twal it-tabib personali ta' ommhom, tant li jgħidu li kien iżurha madwar darba fix-xahar u dan għal ħdax-il sena sħaħ. Jgħidu li min-naħa l-oħra, l-psikjatra Muscat eżamina lit-testatriċi darba waħda biss u dan għal ħin ta' bejn kwarta u nofs siegħa. Fid-dawl ta' dan, jargumentaw li kien propju t-tabib Zarb li kien fl-aħjar qagħda li seta' jikkonkludi x'kundizzjoni kienet tinsab fiha t-testatriċi meta ġiet biex tagħmel it-testmenti kontestati. Jistqarru li huma tassew mistagħġbin kif l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti aktar piż lill-verżjoni tal-psikjatra Muscat fuq dik tat-tabib Zarb, u dan anke meta l-psikjatra Muscat 'ammetta' li mank

[1] Ara §§ 3.17 u 3.37 tar-rikors tal-appell.
[2] 'Dok CZ1', fol. 466 tal-proċess

biss seta’ jsib in-notamenti tiegħu fir-rigward tal-viżta ta’ Annunziata Buhagiar. Iżidu li t-tabib Zarb mhux biss kien konsistenti u kategoriku fix-xhieda tiegħu, iżda saħansitra kellu x-xhieda tiegħu korroborata minn professjonisti mediċi terzi u indipendenti. Sfiq ma’ dan, jissottomettu li minn titwila lejn il-fajl mediku tat-testatriċi, ‘jirriżulta’ li t-tobba u l-infermiera terzi ġewwa sptarijiet varji ‘lkoll ikkonkludew’ li Annunziata Buhagiar kienet tbati bid-dimenzia u li ma kinitx kapaċi tfendi għal rasha anke fl-atti l-aktar sempliċi ta’ kuljum. Skont l-appellanti, li kieku l-Ewwel Qorti qieset dan kollu, kien jirriżultalha li ommhom kienet tassew tbati minn dimenzja qawwija u dan sa mit-18 ta’ Lulju, 2003, skont kif mistqarr mit-tabib Dr. Christopher Zarb;

11. Fuq nota oħra, l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti tat ukoll piż mhux mistħoqq lix-xhieda tal-avukat Dr. Ronald Aquilina li kien jippatroċina lil ommhom f’kawża kontra tnejn minn uliedha dwar it-tħassir ta’ kuntratt ta’ trasferiment ta’ biċċa art. Jgħidu li dan l-avukat stess xehed li ommhom kienet tkun dejjem akkumpanjata minn uliedha, u dan sewwasew għaliex ma kinitx kapaċi tmexxi waħedha. Iżidu li fuq kollox, avukat mhuwiex persuna medika biex jiddetermina jekk xi klijent tiegħu kienx ibati bid-dimenzja jew le. Sa fejn imbagħad għandu x’jaqsam mal-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li ommhom kienet mentalment f’sikkitha għaliex f’dawk il-proċeduri ġiet sottomessa għall-kontroeżami, l-appellanti jissottomettu li l-kontroeżami li semmiet l-Ewwel Qorti sar lil ommhom fis-sena 2001 u b’hekk ferm aktar qabel minn dak iż-żmien li huwa releventi

għall-għanijiet ta' din il-kwistjoni. Iżidu li f'kull każ, l-Ewwel Qorti lanqas ma wettqet apprezzament xieraq ta' dak il-kontroeżami, u dan għaliex mit-traskrizzjoni tal-istess kontroeżami jirriżulta li f'dak iż-żmien ommhom kienet diġà bdiet tinsa, ma kinitx preċiża fid-diskors tagħha u kienet konfuża. Jisħqu wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis sewwa t-tifsira u l-mertu tas-sentenza li ngħatat f'dawk l-istess proċeduri ġudizzjarji li fihom sar dak il-kontroeżami lil ommhom[3]. F'dan ir-rigward, jispjegaw li f'dik il-kawża ommhom kienet fittxet li tħassar kuntratt li permezz tiegħu inkonxjament għaddiet biċċa art lil tnejn minn uliedha, u dan wara li huma qarrqu biha. Jissottomettu li minn dik is-sentenza jirriżulta li fl-1997, ommhom ma kinitx kapaċi ssegwi dak li kien qed jiġri quddiem in-nutar, tant li ma fehmitx li kienet qed titrasferixxi biċċa art lil tnejn minn uliedha. Fid-dawl ta' dan, jargumentaw li jekk ommhom ma kinitx kapaċi tifhem x'kien qed jiġri quddiem in-nutar fis-sena 1997, hija żgur li ma kellhiex il-kapaċità mentali li tagħmel testment sitt snin wara u dan fi żmien meta 'kulħadd jaqbel' li kienet marret lura sew mentalment;

12. Ilment ieħor ewlieni tal-appellanti huwa mbagħad dwar il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li tqis bħala kruċjali l-fatt li fis-26 ta' Novembru, 2004 u fil-31 ta' Marzu, 2006, Annunziata Buhagiar kienet tat il-kunsens tagħha biex isirilha intervent kirurġiku f'għajnejha, u dan bħala fattur indikattiv li f'dak iż-żmien ommhom kien għadha mentalment

[3] L-appellanti qed jirreferu għall-proċeduri ġudizzjarji fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Annunziata Buhagiar v. Grazio Pisani et.,*** Ċit. 233/1999/1, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-6 ta' April, 2006.

f'sikkitha. F'dan ir-rigward, jissottomettu li l-Ewwel Qorti kienet bil-wisq selettiva f'dak li għażlet li tqis mill-fajl mediku ta' ommhom, u dan għaliex fil-*'ward prescription sheet and record',* tal-istess 26 ta' Novembru, 2004, ġie mniżżel li *"[p]t. suffers dementia'.* Jgħidu wkoll li fin-'*nursing report'* tal-intervent tal-31 ta' Marzu, 2006, tniżżel li: *"[p]atient seems agitated. Watch her well",* u infermiera oħra niżżlet *"[m]rs. Buhagiar becomes agitated at times when awake, please to watch her closely, especially when getting in + out of bed".* Fuq is-saħħa ta' dan, ifissru li huma ma jistgħux jaqblu mal-Ewwel Qorti li għażlet li 'tissostitwixxi l-opinjoni medika b'salib fuq dokument li fi kliemhom mhuwa xejn għajr 'formula standard', li 'ħadd ma joqgħod iqis' il-kontenut u t-tifsira tiegħu. Jinsistu għalhekk li l-Ewwel Qorti kellha tqis il-fajl mediku kollu ta' ommhom, inkluż id-dokumenti 'RS1' (fol.478) u 'RS2' (fol. 479), li minnhom jirriżulta li din kienet tbati minn "*comprehension difficulties*"*,* li kellha "*background of dementia*", li kienet tkun "*severly disorientated*", li kienet tbati biex tifhem affarijiet sempliċi u tagħmel attivitajiet bażiċi, u li kellha problemi ta' komunikazzjoni u għarfien ta' dak li kien iseħħ madwarha;

13. Prova oħra li l-appellanti ma jidhrilhomx li kellha twassal lill-Ewwel Qorti biex tqis li ommhom kienet mentalment stabbli fis-sena 2003, hija mbagħad l-episodju tal-għotja tad-deheb lill-appellanti Antonia Mizzi, li hija waħda mir-rikorrenti. Jgħidu li mill-provi jirriżulta li l-għotja ta' dan id-deheb saret fis-sena 2000 u mhux fis-sena 2003. Jissottomettu wkoll li huwa inverosimili li ommhom tat id-deheb lil Antonia fis-sena 2003 u dan

bħala kumpens talli kienet qed iddur biha, meta f'dik is-sena, din marret toqgħod mal-konvenuta Rita Sammut. Skont l-appellanti, l-Ewwel Qorti kienet għalhekk żbaljata meta ħadet qies ta' dan l-episodju bħala wirja li fis-sena 2003, ommhom kien għadha *compos mentis*;

14. Ilment ieħor tal-appellanti huwa mbagħad fis-sens li l-Ewwel Qorti warrbet b'ħeffa x-xhieda tal-ġara Rose Busuttil. Skont l-appellanti, l-imġiba ta' ommhom hekk kif rakkontata minn Busuttil, ma setgħetx tkun dovuta għan-nuqqas ta' smigħ u l-problema fil-vista minħabba l-kundizzjoni tal-katarretti. Jissottomettu li min ikun ibati b'tali kundizzjonijiet ma jiqafx jagħraf lill-ġirien tiegħu, jew jagħlqilhom il-bieb f'wiċċhom mingħajr ma jinduna;

15. L-appellanti jikkritikaw ukoll lill-Ewwel Qorti għaliex 'naqset' milli tqis ix-xhieda ta' Maria Farrugia, u dan minkejja li x-xhieda ta' din 'tispikka' u titfa' dawl fuq dak li verament ġara fil-ħin eżatt li kienu qed isiru t-testmenti li wasslu għal din it-tilwima. Jgħidu li oħthom Maria Farrugia (li hija wkoll attriċi f'din il-kawża) kienet preżenti fl-uffiċċju tan-nutara u għalhekk rat b'għajnejha dak li tassew ġara. Jgħidu li mix-xhieda ta' Farrugia jirriżulta li ommha la marret għand in-nutara minn jeddha, la kienet taf fejn qiegħda, la kienet taf x'kien qed jiġri, la lissnet kelma, la ġiet ikkalkulata min-nutara, u wisq anqas ma kienet kapaċi li taqbad pinna f'idejha, tant li kellha tkun l-konvenuta Rita Sammut li 'ħatfet id ommha' u ġiegħlitha 'taparsi tiffirma hi'. Iżidu li l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tagħti

piż mistħoqq lix-xhieda tagħhom fejn huma lkoll stqarrew li ommhom kienet tkun konfuża, tiċċassa fil-vojt, tibqa' dejjem muta, u li lanqas biss baqgħet tagħrafhom. Jisħqu għalhekk li huma, taw prova ċara u konklussiva dwar l-istat mentali ta' ommhom meta għamlet it-testmenti, u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li huma naqsu milli jressqu tali prova. F'dan is-sens, jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-verżjoni tal-konvenuta ma kinitx ta' min joqgħod fuqha, u dan għaliex fi kliemhom, din kellha kull interess li tiġġustifika u tiddefendi t-testmenti li gawdiet minnhom. Jgħidu wkoll li l-verżjoni tal-konvenuta li ommhom baqgħet moħħha sew sal-aħħar, hija kontradetta minn volum sħiħ ta' dokumenti mediċi, u għalhekk ma kien xejn minnu li ommhom kienet issir konfuża biss meta tidħol fi sptar;

16. B'żieda ma' dan kollu, l-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta qieset li ma kien hemm xejn irraġonevoli fid-dispożizzjonijiet testamentarji li għamlet ommhom fit-testmenti attakkati b'din il-kawża. Filwaqt li jammettu li m'hemm xejn irraġonevoli fil-fatt li testatur jaħseb għal min ikun qed idur bih, jinsistu li f'dan il-każ, it-testmenti ma kinux frott ta' dan il-ħsieb, iżda konsegwenza tal-manipulazzjoni ta' ommhom mill-appellata. F'dan is-sens jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkuntrasta l-kontenut tal-aħħar tliet testmenti ma' dak li ommhom stess kienet stqarret fl-affidavit tagħha fil-kawża Ċit. 233/1999/1, u dan sewwasew li riedet tħalli lil uliedha lkoll werrieta ndaqs;

17. L-appellanti mbagħad jagħlqu billi jagħmlu referenza għall-fatt li, fl-aħħar mill-aħħar, kien il-perit legali stess li kkonkluda li t-testmenti li saru fl-2004 u fl-2005 m'għandhomx jitqiesu li jiswew, u f'dan ir-rigward jissottomettu li min-naħa tagħha, l-appellata mhux talli ma kkontestatx din il-konklużjoni, iżda saħansitra stqarret li kient qed tirrimetti ruħha għal dak ir-rapport;

***Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

18. Ikkunsidrat li l-qofol ta' dan l-appell jistrieħ sewwasew fuq l-kritika tal-proċess ta' apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tqis li, qabel xejn, għandha tibda billi tosserva li għalkemm l-appellanti qegħdin jgħidu sewwa li din il-Qorti hija mogħnija b'kull setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom l-Ewwel Qorti, u li fuq kollox għandha d-dmir li twettaq apprezzament awtonomu tal-fatti, fl-istess waqt, ma jistax jintesa li din il-Qorti m'għandhiex tissostitwixxi l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti b'mod laxk, u dan speċjalment fejn tidħol l-kredibilità ta' xhieda, jew inkella f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn dik il-Qorti tkun għażlet bejn żewġ possibbiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli.[4] Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Galea v. Maria Carmela sive***

[4] Ara fost ħafna oħrajn is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Orazio sive Grezzju Azzopardi v. Anthony Azzopardi,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023** (App. Ċiv. 1131/2014/1); ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Jannar, 2023**, (App. Ċiv. 838/2019/1), u ***Philip Gauci et. v. Alfred Gauci et.***, deċiża minn din il-Qorti fid-**29 ta' Marzu, 2019** (App. Ċiv. Nru. 37/2004/1);

***Marica Baldwin***, xogħol il-Qorti fl-istħarriġ ta' aggravju ta' din ix-xorta, huwa propju li: "*tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, tqis jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu*"[5];

19. Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu fl-atti u dan fil-qafas tal-parametri li għadhom kemm issemmew, kif ukoll fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellata, din il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-appellanti mhumiex mistħoqqa, u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jingħataw f'dan li ġej;

20. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fil-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tistrieħ fuq il-fehma professjonali tal-psikjatra Dr. Peter Muscat, minflok fuq ix-xhieda u ċ-ċertifikat tat-tabib Dr. Christopher Zarb. Għalkemm huwa minnu li l-psikjatra Muscat eżamina lit-testatriċi Annunziata Buhagiar darba waħda biss, b'kuntrast għat-tabib Zarb, il-psikjatra Muscat wettaq fuq it-testatriċi eżami klinku speċjalizzat li hu msejjaħ bħala '*mini mental state examination*'[6]. B'referenza għal dan, il-psikjatra Muscat għamilha ċara li m'hemm l-ebda forom ta' dimenzja li

[5] App. Ċiv. Nru. 90/14/1FDP, deċiża fil-**11 ta' Ottubru, 2022**.
[6] Fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2011, il-psikjatra Muscat fisser li huwa kien wettaq fuq Annunziata Buhagiar *'mini mental state examination'* (fol 467 – 8 tal-proċess);

mhumiex maqbudin b'dan it-tip ta' eżami[7]. L-istess psikjatra fisser li x-xorta ta' eżami speċjalizzat li huwa wettaq fuq it-testatriċi, jaqbad id-dimenzja anke jekk f'dak il-ħin tal-eżami l-pazjenta jkollha mument luċidu, u dan għaliex, fi kliemu, il-luċidità li jkollhom persuni li jbatu bid-dimenzja ma tkoprix l-aspetti kollha ta' dan l-eżami kliniku[8]. Mhux ta' inqas siwi huwa mbagħad il-fatt li r-riżultat li ġabet omm il-partijiet f'dan l-eżami kliniku kien ta' 25 punt minn massimu ta' 30 punt: riżultat li, skont il-psikjatra Muscat, jeskludi għal kollox li f'dak iż-żmien u ċjoè fil-25 ta' Awwissu, 2003, it-testatriċi kienet milquta minn 'dimenzja severa'[9], u li jikkonferma li din kienet sewwasew f'qagħda li tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha u kapaċi tesprimi sew x'kienu x-xewqat tagħha[10]. Ta' min jgħid ukoll li l-psikjatra Muscat ma waqafx hawn u, b'kuntrast għal dak li qed jgħidu l-appellanti, huwa ressaq kopja tan-notamenti li minnhom jirriżulta x'kienu sewwasew il-punti li Annunziata Buhagiar ġabet għal kull kriterju tat-test imsejjaħ bħala "*mini mental state examination*"[11]. Fuq ix-xaqliba l-oħra, it-tabib Zarb stess stqarr li huwa ma kienx wettaq dan l-eżami kliniku speċjalizzat fuq it-testatriċi Annunziata Buhagiar[12], u b'hekk, din il-Qorti ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti li għażlet li toqgħod aktar fuq il-fehma

[7] Ara l-kontroeżami tal-psikjatra Dr. Peter Muscat, li sar waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju, 2014, fol. 511 tal-proċess
[8] *Ibid.*
[9] Ara x-xhieda tal-psikjatra Dr. Peter Muscat, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar, 2011, fol. 468 tal-proċess
[10] *Ibid*. fol. 467 tal-proċess
[11] Ara 'Dok PM1', fol 513 tal-proċess, imressaq mill-psikjatra Dr. Peter Muscat, waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju, 2014. Minn ħarsa lejn dawn in-notamenti jidher li Annunziata Buhagiar kienet fi stat konxju u orjentata, tant li ġabet il-mistoqsijiet kollha dwar l-orjentazzjoni tajbin. Mill-istess dokument jidher li l-istess testatriċi kienet kapaċi tifhem dak li kien qed jintqalilha, tirraġuna, u kapaċi titkellem.
[12] Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2013, it-tabib Zarb xehed li fis-sena 2003 ma kinx juża l-*'mini mental state examination',* (fol 509).

professjonali tal-psikjatra Muscat, li fl-aħħar mill-aħħar huwa speċjalizzat aktar mit-tabib Zarb fi kwestjonijiet ta' din ix-xorta;

21. Anke minn aspett purament kronoloġiku, l-appellanti lanqas m'għandhom raġun meta qed jisħqu li t-tabib Zarb kien fl-aħjar qagħda li seta' jikkonkludi x'kundizzjoni mentali kienet tinsab fiha t-testatriċi Annunziata Buhagiar meta ġiet biex tagħmel it-testmenti kontestati. Huwa prinċipju mill-aktar bażiku li l-kapaċità ta' persuna li tagħmel testment hija meqjusa bħala r-regola, filwaqt li l-inkapaċità hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni[13]. Minn din il-preżunzjoni jitnissel imbagħad prinċipju ieħor li min jattakka s-siwi ta' testment minħabba inkapaċità fil-menti tat-testatur, dan għandu jipprova l-inkapaċità tat-testatur fil-mument tat-testment[14] u "*m'għandux wieħed jippreżumi l-inkapaċità minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument kien hemm okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel*"[15]. Fil-każ tal-lum, it-testmenti li qed jiġu attakkati b'din il-kawża saru fis-26 ta' Awwissu, 2003,[16] fis-7 ta' April, 2004,[17] u fis-17 ta' Ottubru, 2005,[18] rispettivament. Min-naħa tiegħu, it-tabib Zarb stess stqarr li Annunziata Buhagiar ma baqgħetx pazjenta tiegħu wara d-data li fiha huwa kien ħareġ iċ-ċertifikat

---

[13] Ara fost ħafna oħrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et.*** deċiża fit-**18 ta' Lulju, 2017**, (Ċit. Nru. 792/2002/1AE).
[14] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Galea v. Mary Casingena et.*** deċiża fit-**23 ta' Novembru, 2020**, (799/2006/1SM).
[15] Estratt meħud mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Lorenza Bonnici et v. Maria Dolores Mifsud,*** deċiża fit-**2 ta' Marzu, 2018**, (App. Ċiv. 1118/2005/1AE).
[16] 'Dok. F', fol. 18-19 tal-proċess
[17] 'Dok. Ġ', fol. 20 – 1 tal-proċess
[18] 'Dok. Ħ', fol. 22 – 3 tal-proċess

li qed jistrieħu fuqu l-appellanti ('Dok CZ1'). Id-data mniżżla fuq dak iċ-ċertifikat hija tat-18 ta' Lulju, 2003,[19] u għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti li t-tabib Zarb kien fl-aħjar qagħda li seta' jikkonkludi x'kundizzjoni mentali kienet tinsab fiha t-testatriċi Annunziata Buhagiar meta ġiet biex tagħmel it-testmenti kontestati. Min-naħa l-oħra, iċ-ċertifikat tal-psikjatra Muscat inħareġ sewwasew lejliet it-testment tas-26 ta' Awwissu, 2003, u għalhekk, anke minn aspett kronoloġiku dan iċ-ċertifikat jixħet l-aktar dija qawwija fuq l-istat mentali tat-testatriċi u dan minn tal-inqas sa fejn għandu x'jaqsam mat-testment tas-26 ta' Awwissu, 2003;

22. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex jiġi miċħud l-ewwel ilment tal-appellanti, din il-Qorti tistqarr li hija tassew imħassbha dwar kif iċ-ċertifikat tat-tabib Zarb inħareġ jumejn biss qabel ma' Annunziata Buhagiar marret toqgħod mal-konvenuta Rita Sammut[20] u li f'dak iċ-ċertifikat ġie sewwasew imniżżel li Annunziata Buhagiar "*is definietly no longer mentally fit to do a will*". Dan il-ħsieb f'moħħ il-Qorti jkompli mbagħad jitqanqal aktar u aktar meta dan kollu jittieħed fil-qafas tal-istqarrija tat-tabib Zarb li ċ-ċertifikat tiegħu (Dok CZ1) inħareġ fuq talba tal-attriċi Antonia Mizzi u li, fi kliemu stess, dan iċ-ċertifikat inħareġ "***minħabba l-fatt illi meta ġiet it-tifla l-oħra mill-Awstralja hi <u>kienet bdiet iddawwar</u>***

[19] 'Dok. CZ1', fol. 466 tal-proċess
[20] Fix-xhieda tagħha, l-konvenuta Rita Sammut tirrakkonta li ommha Annunziata Buhagiar marret toqgħod magħha fil-20 ta' Lulju, 2003, (fol. 475 tal-proċess). Iċ-ċertifikat tat-tabib Zarb huwa datat 18 ta' Lulju, 2003, (fol 466 tal-proċess).

***__kollox taħt isimha__**. It-tifla li ħadet ħsiebha naħseb illi kienet mill-Awstralja (żgur minn barra) imma isimha ma nafux*"[21]. F'kuntest bħal dan, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti Antonia Mizzi, setgħet talbet li jsir dak iċ-ċertifikat biex tkun tista' 'żżommu fil-komma', sabiex fil-ġejjieni, u jekk tinqala' l-ħtieġa, tkun f'qagħda li tikkontesta kull testment ieħor li seta' jsir minn ommha, wara li ma baqgħetx iddur biha hi, u meta setgħet tobsor b'dak li kien ġej, u ċjoè li ommha kienet ser tagħti preferenza fil-wirt lil min kien ser idur biha fl-aħħar snin ta' ħajjitha. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti jidhrilha li kieku l-appellanti Antonia Mizzi ma kellhiex il-faħam miblul, u ommha kienet tassew fl-istat li ġie deskritt mit-tabib Zarb, din kienet x'aktarx tirrikorri għar-rimedju li tagħtiha l-liġi u sewwasew għall-interdizzjoni ta' ommha, u mhux tipprova bil-ħruġ ta' ċertifikat mediku twaqqaf lil ommha milli tbiddel it-testmenti tagħha;

23. Lura għall-ilmenti tal-appellanti, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-appellanti lanqas m'għandhom raġun meta qed jgħidu li l-fehma professjonali tat-tabib Zarb ġiet korroborata mill-fajl mediku tat-testatriċi u li l-Ewwel Qorti kienet selettiva ferm meta ġiet biex qieset il-kontenut ta' dak il-fajl mediku. Hekk ukoll, il-Qorti lanqas ma taqbel li t-tobba u l-infermiera terzi ġewwa sptarijiet varji 'lkoll ikkonkludew' li Annunziata Buhagiar kienet tbati minn dimenzja qawwija tant li ma kinitx kapaċi tfendi għal rasha, u dan lanqas fl-aktar atti bażiċi tal-ħajja. L-unika fajls mediċi

---

[21] Ara x-xhieda mogħtija mit-tabib Zarb, waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2010 (Fol. 465 tal-proċess).

li juru li t-testatriċi kienet fi stat mentali mwiegħer huma dawk li għandhom x'jaqsmu mal-perjodu li Annunziata Buhagiar qattgħet l-isptar fl-aħħar ftit ġimgħat qabel ma ħalliet din id-dinja, u ċjoè minn Awwissu sa Ottubru tas-sena 2008. Dan il-perjodu jiġi però madwar tliet snin wara li sar l-aħħar testment minn Annunziata Buhagiar, u għalhekk dawk id-dokumenti mediċi ma jistgħux ikunu ta' fejda għall-appellanti. Mill-bqija, għalkemm huwa minnu li f'daħla partikolari tas-26 ta' Novembru, 2004[22], tniżżel li l-pazjenta, u ċjoè Annunziata Buhagiar kienet tbati minn dimenzja, minn dawk l-istess dokumenti mediċi li jirrelataw għal dak il-jum jidher li Annunziata Buhagiar kienet "*alert and comfortable*"[23], "*alert and orientated*"[24], u li ma kellhiex bżonn xi attenzjoni speċjali[25]. Barra minn hekk, minn ħarsa lejn il-formula msemmija '*Kunsens Għall-Operazzjoni*', li mtliet ukoll fl-istess ġurnata tas-26 ta' Novembru, 2004, jirriżulta li l-parti li ġiet mimlija mit-tobba jew l-infermiera, ma kinitx dik il-parti ta' isfel li skont l-istess formula: *"meħtieġ timtela għal kull pazjent li (a) huwa taħt it-18-il sena, (b) li għalkemm għalaq it-18-il sena,* ***mhux mentalment kapaċi jifhem it-tifsira ta' dan il-kunsens****"*[26]. Kif tifhimha din il-Qorti, bil-fatt innifsu li t-tobba jew l-infermiera dehrilhom li ma kellhiex timtela l-parti ta' isfel mill-qraba, iżda setgħu jġibu l-kunsens dirett mill-pazjenta, juri li f'għajnejn it-tobba jew l-infermiera, Annunziata Buhagiar kienet tidher mentalment kapaċi li tagħti l-kunsens għall-

[22] Dok RS5, fol. 487 tal-proċess
[23] Ara fol. 107 *tergo*.tal-proċess
[24] Ara fol. 110, u fol 110 *tergo* tal-proċess
[25] *Ibid*.
[26] Fol. 109 tal-proċess

operazzjoni, u ma kinitx tidher fl-istat imwiegħer kif imfisser mit-tabib Zarb, jew inkella mill-appellanti. Ta' min jgħid ukoll li dawn l-osservazzjonijiet ma jgħoddux biss għad-dokumenti mediċi tas-26 ta' Novembru, 2004, iżda jgħoddu bl-istess mod għad-dokumenti mediċi li mtlew xahar qabel fid-9 ta' Ottubru, 2004[27], kif ukoll dawk li mtlew aktar 'il quddiem fil-31 ta' Marzu, 2006[28]. Minn dawn id-dokumenti tal-aħħar mhux biss jirriżulta li t-tobba jew l-infermiera reġa' dehrilhom li Annunziata Buhagiar kienet fi stat li kienet mentalment kapaċi li tifhem it-tifsira tal-kunsens li kienet qed tagħti, iżda saħansitra reġa' ġie dokumentat li Annunziata Buhagiar kienet fi stat ta' "*alert and orientated*". Barra minn hekk, u minn kif tosserva sewwa l-appellata, minn dokument mediku ieħor datat 21 ta' Jannar, 2005, jirriżulta li wara l-operazzjoni tal-katarretti ta' Novembru, 2004, Annunziata Buhagiar kienet ukoll kapaċi turi li kienet kuntenta bir-riżultati tal-operazzjoni[29]. F'qafas bħal dan, din il-Qorti żgur li ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti meta qieset li d-dokumenti mediċi li hemm fl-atti ma jsostnux t-teżi tal-appellanti. Dan aktar u aktar meta huwa mifhum li, fiha nfisha, il-prova li t-testatriċi kienet maħkuma minn dimenzja, ma twaqqax il-preżunzjoni tal-kapaċità tagħha li tagħmel testment, u dan għaliex kif jgħid il-ġurista Laurent, "*non basta, dunque, provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza; bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, vale a dire*

---

[27] Fol. 102 – 3 tal-proċess
[28] Fol. 118 – 9 tal-proċess
[29] Fol. 100 *tergo* tal-proċess

*permanente".*[30] Hemm ukoll qbil fil-ġurisprudenza li *"[g]ħal dak li hu l-grad ta' kapaċità, "[i]l-liġi f'dan il-każ tikkuntenta ruħha bil-minimu jew almenu bi grad moderat u mhux bi grad għoli u wisq inqas bis-superlattiv jew grad massimu ta' kapaċità." (Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et deċiża mill-Prim'Awla fl-20 ta' Ottubru 1971)"*[31];

24. Daqstant ieħor din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fir-raġunament tal-Ewwel Qorti meta ġiet biex tqis ix-xhieda indipendenti tal-avukat Ronald Aquilina, bħala fattur ieħor li jkompli jsaħħaħ il-preżunzjoni tal-kapaċità mentali tat-testatriċi Annunziata Buhagiar, u dan fiż-żmien li fih saru t-testmenti li qed jiġu attakkati b'din il-kawża. Għalkemm huwa minnu li l-avukat Aquilina mhuwiex xi persuna medika, ix-xhieda ta' dan l-avukat xorta waħda turi li matul iż-żmien li huwa kien qed jippatroċina lil Annunziata Buhagiar fil-kawża ċivili bin-numru 233/1999, il-moħħ ta' omm il-partijiet ma kienx fl-istat gravi ta' kif qed ipinġuh l-appellanti. Kemm hu hekk, fix-xhieda tiegħu, l-avukat Aquilina qal li l-istruzzjonijiet fil-kawża kien dejjem jeħodhom mingħand Annunziata Buhagiar direttament[32]. B'mod partikolari, l-istess avukat fisser ukoll li waqt it-trattazzjoni tal-appell, li jirriżulta li saret fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2006,[33] u li għaliha attendiet ukoll Annunziata Buhagiar, huwa deherlu li din kienet qed

---

[30] Laurent, *'Principi di Diritto Civile',* Vol. XI, paġ. 112. Dan il-ħsieb ġie mħaddan minn din il-Qorti f'bosta sentenzi, fosthom dik fl-ismijiet ta' ***Margaret Rossignaud et v. Myriam Pellegrini et.,*** deċiża fit-**28 ta' Ġunju, 2018**. (App. 333/1994/1JZM).
[31] Estratt meħud mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et.,*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-**18 ta' Lulju, 2017.** (Ċit. 792/2002AE).
[32] Ara x-xhieda tal-avukat Ronald Aquilina, fol. 472 tal-proċess
[33] <https://ecourts.gov.mt/onlineservices/CivilCases/Detail/160018>

tifhmu, tant li kienet tirrispondih għal dak li kien jistaqsi[34]. Dan kollu jkompli b'hekk juri li sas-17 ta' Jannar 2006, u ċjoè fi żmien li fih kienu diġà saru t-testmenti kollha li qed jiġu attakkati b'din il-kawża, Annunziata Buhagiar ma kinitx f'dak l-istat pjetuż kif impinġi mill-appellanti;

25. Hekk ukoll, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellanti meta qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma wettqitx apprezzament xieraq tal-kontroeżami li sar lil ommhom fil-proċeduri ġudizzjarji bin-numru 233/1999, u li dik il-Qorti naqset ukoll milli tqis sewwa t-tifsira u l-mertu ta' dik is-sentenza li ngħatat f'dawk l-istess proċeduri ġudizzjarji. L-ewwel nett u sa fejn għandu x'jaqsam mal-ilment li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu qies tat-traskrizzjoni tal-kontroeżami li rrefera għalih l-avukat Aquilina, din il-Qorti rat li l-appellanti naqsu milli jressqu kopja tat-traskrizzjoni tal-kontroeżami li qed jirreferu għalih. Ġaladarba li dak il-kontroeżami ingħata f'kawża oħra, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li l-Ewwel Qorti setgħet tieħu qies tal-kontenut ta' kontroeżami li m'hemmx fl-atti. Fuq kollox, is-sottomissjoni tal-appellanti, li fiha nfisha ma tistax titqies bħala prova, hija mbagħad ukoll kontradetta minn dak li xehed l-avukat Aquilina, li b'referenza għal dak il-kontroeżami, fisser li Annunziata Buttiegieg "*kienet xehdet kif suppost u l-Qorti tagħtha raġun*"[35]. Kien jaqa' fuq l-appellanti li jirribattu dak li xehed l-avukat Aquilina. Dan m'għamluhx u għalhekk ma jistgħux issa jippretendu li jxejnu dak li xehed l-avukat

[34] Ara xhieda tal-avukat Ronald Aquilina, fol. 472 – 3 tal-proċess
[35] *Ibid*, fol. 473 tal-proċess

Aquilina, u dan fuq is-saħħa ta' provi li mhumiex fl-atti. Lanqas ma jista' jkun ta' fejda għall-appellanti l-fatt li mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' '*Annunziata Buhagiar v Grazio Pisani et.'* (Ċit. 233/1999), irriżulta li fis-sena 1997, ommhom kienet ġiet imqarrqa minn tnejn minn uliedha fuq kuntratt pubbliku, u li ma kinitx fehmet li qiegħda tittrasferilhom biċċa art. F'dak il-każ, Annunziata Buhagiar ma rnexxilhiex issegwi dak li kien qed jiġri minħabba l-qerq tal-konvenuti f'dik il-kawża, u mhux minħabba xi nkapaċità fil-menti tagħha. Kif tgħid sewwa l-konvenuta appellata, jekk xejn, dawk il-proċeduri jkomplu juru kemm ommhom kienet tabilħaqq mentalment f'sikkitha, tant li wara li ndunat b'dak li kien ġara, din kienet kapaċi li tniedi proċeduri ġudizzjarji kontra tnejn minn uliedha, tieħu ġurament fuq iċ-ċitazzjoni, u tagħti xhieda f'dik il-kawża, b'tali mod li l-Qorti emmnet il-verżjoni mogħtija minnha, laqgħet it-talbiet tagħha u ħassret dak il-kuntratt;

26. Daqstant ieħor m'għandhomx raġun l-appellanti meta qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti l-piż mistħoqq lix-xhieda tagħhom u speċjalment dik tal-appellanti Maria Farrugia. Mill-ġabra tal-provi li hemm fl-atti, din il-Qorti jidhrilha li l-appellanti mhumiex qed ikunu sinċieri meta qed jirrakkuntaw li wara li ommhom kienet waqgħet u qasmet rasha fis-sena 2003, din kienet spiċċat "kompletament inkapaċi f'sens mentali", tant li mqar baqgħet taf li qed tgħix, spiċċat tiċċassa fil-

vojt, la tagħraf lil ħadd, la taf fejn hi qiegħda, u lanqas titkellem[36]. Li kieku dan kien il-każ, il-psikjatra Muscat, li ra lil omm il-partijiet ftit taż-żmien wara dak l-inċident, u li l-fehma professjonali tiegħu hija ammissibbli bħala prova[37], ma kienx ser isib lil Annunziata Buhagiar "luċidissima"[38], u fi stat li kienet kapaċi tesprimi x-xewqat tagħha, tant li jirrakkonta li qaltlu li l-membri l-oħra tal-familja rreferewha għal San Vinċenz, però hi wriet b'mod persistenti x-xewqa li tmur tgħix ma' bintha l-appellata Rita Sammut u ma' bintha l-oħra l-appellanti Maria Farrugia.[39] Hekk ukoll, huwa bil-wisq improbabbli li kieku Annunziata Buhagiar kienet fl-istat deskritt minn Maria Farrugia u l-bqija tal-appellanti, din kienet ser tidher il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 2006, għat-trattazzjoni tal-appell tal-kawża 233/1999, u tirrispondi lill-avukat tagħha għall-mistoqsijiet li kellu[40]. Daqstant ieħor huwa diffiċli ħafna li fid-9 ta' Ottubru, 2004, fis-26 ta' Ottubru, 2004, u fil-31 ta' Marzu 2006, it-tobba jew l-infermiera kienu sejrin ilkoll jiddokumentaw li Annunziata Buhagiar kienet "*alert*", tant li fittxew l-kunsens għall-interventi kirurġiċi mingħandha stess u mhux mingħand xi qarib tagħha, bħalma jiġri f'dawk il-każijiet fejn il-pazjent ikun mentalment inkapaċi[41]. Filwaqt li dan kollu huwa biżżejjed biex ipoġġi f'xifer il-kredibilità tal-appellanti kollha, magħduda dik ta' Maria Farrugia,

[36] Ara f'dan is-sens l-affidavits ta': Victoria Camilleri (fol. 39), John Buhagiar, (fol. 42), Antonia Mizzi (fol. 45), Mary Grace Magrin (fol. 47), u Maria Farrugia (fol. 50).
[37] Artikolu 563A tal-Kap. 12.
[38] Ara l-kontroeżami tal-psikjatra Dr. Peter Muscat li sar waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju, 2014, fol 511 tal-proċess
[39] Ara x-xhieda tal-psikjatra Dr. Peter Muscat, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar, 2011, fol 468 tal-proċess
[40] Ara §24 *supra*.
[41] Ara §23 *supra*.

il-kredibiltà ta' Maria Farrugia tkompli mbagħad tixxejjen hekk kif titqabbel max-xhieda tan-nutar Bartholmeo Micallef li għalkemm stqarr li huwa ma kienx jiftakar id-dettalji speċifiċi ta' dan il-każ, madanakollu, dan ċaħad għal kollox li tul il-karriera tiegħu huwa kellu xi klijenti li għamlu t-testment tagħhom quddiemu u li kienu litteralment ma jitkellmux minħabba anzjanità jew mard[42]. Hekk ukoll dan in-nutar ċaħad li huwa qatt kellu xi każ partikolari fejn iddettawlu xi testment: għall-kuntrarju, saħaq li bħala prassi huwa ma jħallix lil ulied it-testatur ikunu preżenti waqt il-kitba tat-testment, u dan sakemm ma jkunx hemm insistenza min-naħa tat-testatur stess[43]. L-istess nutar fisser ukoll li, f'każ bħal dan tal-aħħar, huwa xorta waħda jitlob lill-ulied biex ma jitkellmux[44]. Filwaqt li l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen lin-nutar Micallef, li wara kollox huwa uffiċjal pubbliku u xhud indipendenti, din il-Qorti rat ukoll li x-xhieda tan-nutar Micallef hija, fl-aħħar mill-aħħar, korroborata bix-xhieda tal-konvenuta appellata li stqarret kif in-nutar Micallef kien tassew talabhom biex ma jibqgħux ġewwa l-kamra flimkien ma' ommhom, però wara li din ma xtaqitx li tibqa' hemmhekk waħedha, dawn baqgħu hemm, bil-kundizzjoni li jekk jitkellmu, n-nutar kien ser jitfagħhom 'il barra[45]. F'qafas fattwali bħal dan, l-appellanti ma jistgħux għalhekk jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tqis bħala 'prova konklussiva' x-xhieda ta' Maria Farrugia, meta x-xhieda ta' din mhux biss ma ġietx korroborata, iżda saħansitra hija

---

[42] Ara l-kontroeżami li sar lin-nutar Bartholmeo Micallef, waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar, 2012, fol 493 tal-proċess
[43] *Ibid*.
[44] *Ibid*.
[45] Ara x-xhieda tal-konvenuta appellata, fol. 505 tal-proċess

kontradetta. Kien imiss lill-appellanti li jressqu provi tajba biżżejjed biex jippruvaw il-każ tagħhom, u dan aktar u aktar f'każ bħal dak tal-lum meta huwa mifhum li talba għal tħassir ta' testment m'għandhiex titlaqa' jekk l-inkapaċità mentali tat-testatur fil-ħin tat-testment *"ma [t]irriżultax b'mod ċert, minn fatti preċiżi u univoċi"*[46];

27. Lanqas ma jista' jwassal imkien l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti skartat b'mod laxk ix-xhieda ta' Rose Busuttil li kienet il-ġara ta' ommhom Annunziata Buhagiar. F'dan ir-rigward, minbarra li din il-Qorti taqbel mar-raġunijiet li ngħataw mill-Ewwel Qorti u dan għalfejn m'għażlitx li tagħti piż lix-xhieda ta' Rose Busuttil,[47] il-Qorti żżid li, f'kull każ, ix-xhieda ta' Buttigieg lanqas ma tixħet xi dawl partikolari fuq il-kundizzjoni mentali ta' Annunziata Buhagiar fiż-żmien li fih saru t-testmenti li wasslu għal din it-tilwima. Dan qiegħed jingħad għaliex, fiż-żmien li fih saru t-testmenti li qed jiġu attakkati b'din il-kawża, Annunziata Buhagiar ma kinitx baqgħet toqgħod fid-dar tagħha, iżda marret toqgħod mal-konvenuta appellata u ma' Maria Farrugia. Kemm hu hekk, Rose Busuttil stess għamlitha ċara li dak li kienet qed tirrakkonta fix-xhieda tagħha jirreferi biss għaż-żmien ta' "*qabel ma telqet toqgħod ma' bintha*"[48];

---

[46] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Margaret Rossignaud et. v. Myriam Pellegrini et.***, deċiża fit-**28 ta' Ġunju 2018**, (Ċit. 333/1994/1JZM).
[47] Ara l-ewwel paragrafu ta' paġna 25 tas-sentenza appellata.
[48] Ara t-traskrizzjoni ta' xhieda ta' Rose Busuttil, fol 473 tal-proċess

28. Wisq anqas mhuma siewja l-ilmenti tal-appellanti li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li ma hemm xejn irraġonevoli fid-dispożizzjonijiet testamentarji li għamlet ommhom fit-testmenti attakkati b'din il-kawża. Għalkemm l-appellanti qed jinsistu li ommhom dejjem tenniet li riedet titratta lil uliedha bl-istess mod u tħalli lil kulħadd b'mod indaqs, mill-provi li hemm fl-atti ta' din il-kawża, jidher li t-testatriċi Annunziata Buhagiar tassew kellha t-tendenza li 'taħseb aktar' f'min kien ikun qed idur biha 'fl-aħħar snin ta' ħajjitha'. Pereżempju, minn ħarsa lejn l-ewwel testment li għamlet fil-25 ta' Novembru tal-1995, u sewwasew wieħed minn dawk it-testmenti li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar is-siwi tiegħu, jirriżulta li omm il-partijiet ħalliet "*b'titolu ta' prelagat, is-somma ta' elf lira maltin (LM 1,000) lil bintha Antonia Mizzi, mart Angelo Mizzi, numru tal-karta tal-identità 52758M* *<u>u dan għal serviġi lilha magħmula matul l-aħħar żmien ta' ħajjitha</u>*"[49]. Hekk ukoll, mill-provi jirriżulta wkoll li matul ħajjitha, Annunziata Buhagiar tat id-deheb kollu tagħha lill-istess Antonia Mizzi, u dan ukoll bħala turija ta' apprezzament talli kienet qed iddur biha. Għalkemm l-appellanti mhumiex qed jaqblu li din id-donazzjoni saret fis-sena 2003, imma li saret tliet snin qabel fis-sena 2000,[50] dan il-punt ta' kontestazzjoni ma jbiddel xejn, anzi jkompli jikkonferma kif Annunziata Buhagiar kienet tabilħaqq tat id-deheb kollu tagħha lil bintha l-appellanti Antonia Mizzi, u dan bi preferenza fuq uliedha l-oħra kollha. Mill-provi, u speċjalment mix-xhieda tal-psikjatra Dr. Peter Muscat, jirriżulta wkoll li

---

[49] Ara 'Dok. D', fol 14 – 15 tal-proċess
[50] Ara §3.49 tar-rikors tal-appell.

Annunziata Buhagiar kellha xewqa partikolari li ma tqattax l-aħħar snin ta' ħajjitha magħluqa f'xi dar tax-xjuħ, tant li dan jgħid li meta raha din qaltlu li l-"*membri l-oħra tal-familja irreferuha għal San Vincenz, però hi espremiet u uriet ix xewqa persistentement li tmur tgħix ma' Rita Sammut u Maria Farrugia*"[51]. F'qafas bħal dan, il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fil-fatt li tul il-medda taż-żminijiet, Annunziata Buhagiar biddlet it-testment tagħha b'tali mod li konsistement għarfet lill-wild li kien qed idur biha f'dak iż-żmien partikolari. Mhuwiex kontestat li l-aħħar persuna li daret bit-testatriċi kienet il-konvenuta Rita Sammut, u għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn illoġiku jew irraġonevoli fil-fatt li t-testatriċi ppreferiet aktar lill-konvenuta mill-bqija ta' uliedha. Fl-aħħar mill-aħħar, fl-ebda mit-testmenti attakkati, Annunziata Buhagiar ma 'qatgħet barra' lil xi ħadd mill-appellanti, tant li sal-llum stess, l-appellanti huma l-eredi ta' ommhom bħalma hija wkoll il-konvenuta, b'dan illi din tal-aħħar ġiet però mwieżna fuq l-oħrajn, b'żewġ prelegati: wieħed fuq il-flejjes iddepożitati mal-bank HSBC, u l-ieħor fuq "*nofs is-sehem tagħha (1/2), ċioè* ***kwart*** *mill-intier tal-fond bin-numru uffiċjali mitejn u disa u tmenin (285), u magħrufa bl-isem "Eva House", fi Triq Ħaż-Żabbar, ġewwa l-Fgura, bil-kontenut tagħha kollu, mill-għatba 'l ġewwa,* ***u dana bħala kumpens għal dak kollu li qed tagħmel magħha tul l-aħħar snin ta' ħajjitha***"[52];

[51] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-psikjatra Dr. Peter Muscat, fol. 468 tal-proċess. Ara wkoll iċ-ċertifikat tal-Psikjatra Dr. Peter Muscat, 'Dok PM1', fol. 470 tal-proċess.
[52] Estratt meħud mit-tielet artikolu tat-testment tas-17 ta' Ottubru, 2005, ('Dok. H', fol. 22)

29. Filwaqt li dan kollu huwa biżżejjed biex jiġi miċħud l-appell, għall-għanijiet ta' kompletezza l-Qorti tagħlaq biex tgħid li l-appellanti ma jistgħux jieħdu xi vantaġġ mill-fatt li, waqt is-seduta tad-19 ta' April[53], l-avukat tal-konvenuta appellata stqarret li kienet qed toqgħod għall-konklużjonijiet tal-perit legali. Il-konvenuta baqgħet qatt ma formalment ċediet l-eċċezzjonijiet tagħha fil-konfront tat-testmenti tas-7 ta' April, 2004 u tas-17 ta' Ottubru 2005. Wisq anqas ma ressqet xi nota li permezz tagħha ammettiet it-talbiet tal-atturi sa fejn għandhom x'jaqsmu dawn l-aħħar żewġ testmenti. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-Ewwel Qorti setgħet tilqa' t-talbiet tal-appellanti, fil-każ biss, li kien ser jirriżultalha li l-atturi appellanti ppruvaw il-każ tagħhom. Kif jidher mis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti dehrilha li l-appellanti ma seħħilhomx jippruvaw il-każ tagħhom skond il-liġi, u għalhekk l-appellanti ma jistgħux jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tagħhom u dan fuq is-saħħa tal-fatt li l-avukata tal-konvenuta rrimettiet ruħha għar-rapport tal-perit legali. Fuq kollox ir-rapport tal-perit legali ma jorbotx lill-Qorti u bħalma qed tgħid sewwa l-appellata, kien il-perit legali stess li osserva li ma kienx hemm prova dwar l-istat mentali tat-testatriċi fir-rigward tal-aħħar żewġ testmenti;

30. Tħares minn fejn tħares, l-appell tal-atturi ma jistax għalhekk jintlaqa';

[53] Fol. 531 tal-proċess.

***Decide:***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad l-appell** u b'hekk qed tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da